# X'insibu sewwa sew fil-Belt Kapitali ta' Malta - Valletta

**minn Victor Scerri**

Li l-Belt Kapitali ta' Malta hija l-Belt Valletta ilna nafuha minn żmien żemżem, imma għalkemm nafu dan kollu, aktarx li qajla taqa' frasna x'teżor minnha nnifisha hija din il-belt, mibnija fuq Xebb ir-Ras jew l-Għolja Xiberras kif inhija magħrufa popolarment. Għalkemm tajjeb li fuq fuq nagħtu ħarsa lejn dawn it-



teżori ta' din il-Belt mibnija mill-ġentlomi għall-ġentlomi.

Madankollu, x'fiha li nagħtu ħarsa lejn dawn it-teżori jekk il-kitba tibqa' biss artiklu u xejn aktar? X'inkunu ħadna minnha din il-kitba jekk wara li nkunu nafu kemm il-teżor għandha din il-Belt, ma narawx x'nagħmlu biex dawn it-teżori jibqgħu tagħna, inħarsuhom tajjeb u ngħadduhom sħaħ u qawwija lin-nies ta' warajna? Mela ejjew nimxu pass pass ma' din il-Belt.

Il-Belt Valletta hija belt privileġġjata. Għaliex? Għaliex sabiex nibdew, jekk nagħtu ħarsa biss lejn in-niċeċ li jdawwruha, insibu mhux anqas minn 87 ( seba' u tmenin ) niċċa, kollha artistiċi u sbieħ li jirriflettu żminijiet, snin, epoki differenti imma devozzjoni, qima, twemmin wieħed mingħajr ma ġie mittiefes kif mirgħut minn ġenerazzjoni għall-oħra.

Kumplimentari ma' dan kollu, hemm ukoll il-knejjes. Knejjes bi storja kbira. Knejjes li juru Belt Kapitali b'residenti Insara minkejja li llum hawn diversi denominazzjonijiet. Madankollu, r-reliġjon Kattolika għadha tipprevali f'pajjiżna. Fil-Belt Valletta, għadna xejn inqas minn 28 ( tmienja u għoxrin) knisja, ilkoll bil-karatteristika tagħhom.

**Żminijiet**

Iż-Żminijiet jinbidlu u jbiddlu bosta affraijiet magħhom. Din hija ħaġa naturali. Għalkemm, il-Belt Valletta wkoll missitha din ix-xorti ta' tibdil, żammet il-karatteristika kollha tagħha, ta' belt nobbli, il-belt mibnija mill-ġentlomi, b'residenti affaxxinanti u kburin biha, belt mimlija lwien, ħajja u qlubija.

Semmejt niċeċ u knejjes. B'dawn biss diġa' urejt il-kobor ta' din il-Belt. Iżda hemm bost'a iktar affarijiet li fiha din il-Belt u li jiena nixtieq inġib għall-attenzjoni tagħkom. Fost it-tmienja u għoxrin knisja li hawn f'in il-Belt insibu żewġ Basiliki. Il-knejjes għadhom jiġbdu n-nies għall-quddies, adorazzjonijiet, laqgħat soċjali, reliġjużi, u oħrajn.

Imma din hija belt reliġjuża biss u m'għandhiex wirt ieħor? Għandha, imma tajjeb li la niffokaw fuq il-knejjes, nibqa' nżid li wkoll fost dawn l-istess tmienja u għoxrin knisja fil-Belt Valletta hemm żewġ knejjes Ortodossi, li għas-servizz fihom, imorru l-komu-

Sunny Bar & Restaurant
Ta' Wistin • Mġarr
~ RABBIT IN GARLIC SAUCE ~
Menu available on request
Prop. Wistin Vella • Mob: 7940 5148
1, Sir Harry Luke Street,
Mġarr - MST 10 • Malta
Tel: 21 573 705



# IS-SALIB PETTORALI TA' SANTU WISTIN

Fr. Francis Saviour Grima O.S.A.






Naħseb li ftit huma dawk il-parruċċani li ma kinux semgħu bil-kas ikraħ tas-serq tas-Salib Pettorali ta' l-istatwa proċessjonali ta' Santu Wistin. Għal dawk li forsi ma semgħux jew ma jafux eżatt x'ġara', sa nergħu nirrakontielkom.



Is-salib tad-deheb, mżejjen b-ħaġar prezzjuż, kien tal-Monsinjur Ġużeppi Camilleri, Agostinjan, li kien Isqof ta' ġewwa Għawdex mil-1890 sa l-1925. Mons. Camilleri kellu ħafna għall-qalbu l-knisja tagħna l-Belt, tant li kien ħallas minn butu għall-irħam tal-artali tal-Madonna tas-Sokkors u ta' dak tal-Madonna taċ-Ċintura. Hemm ukoll l-arma ta' kunjomu fl-irħam fuq kull naħa ta' dawn l-artali. Kien l-istess Isqof Ġ.M. Camilleri li kkonsagra l-knisja tagħna fl-1906.



Ftit qabel mewtu, l-Monsinjur Camilleri kien ħalla s-salib tiegħu lill-Provinċja Agostinjana f'Malta. Meta fl-1968 l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi kien għolla l-knisja tagħna għall parroċċa u saret l-istatwa ta' Santu Wisti, il-Provinċja libbset dan is-salib lill-istatwa tal-Qaddis Patrun u Protettur tagħha bħala sinjal ta' rispett lejn il-benefattur u ħuhom Mons. Camilleri.

Kien eżatt nhar l-Erbgħa, l-ewwel ta'Awissu 2007, għall-ħabta tat-8.30 ta' fil-għaxija, meta kont ninsab fil-knisja ngħin lil dawk li s-soltu jnaddfu l-knisja. Għall- ewwel ma tajtx kas, pero' meta rġajt ħarist, irrealiżżajt li dak li kont qed nara kien minnu. Il-bieba tal-ħġieġ tan-niċċa fejn tinsab l-istatwa ta' Santu Wistin kienet imbexxqa u s-salib ta' fuq sidru kien sparixxa! Tajt ħarsa sew lejn il-bieba u mill-ewwel indunajt li s-serratuta kienet ġiet sgassata.

Mort ġibt sellun żgħir malajr u tlajt nittawwal lil-istatwa. Min seraq is-salib kien għamel hekk bl-għaġla kbira, tant li qaċċat is-salib u ħalla warjah il-biċċa ta' fuq li kienet imwaħħla mal-istatwa u ukoll l-ġiżirana ta' madwar għonqu.

Dak in-nhar, il-knisja infetħet kmieni fil-għodu bħas-soltu u ngħaqet f'nofs in-nhar u reġgħet infetħet kmieni filgħaxija għall quddies. Min-seraq is-salib xaktarx li daħal il-knisja, staħba, għamel dak li għamel u żġiċċa meta n-nies bdiet ġejja għat-talb u l-quddies.

Kien sar rapport fl-Għassa tal-Belt u anki ġew interrogati xi nies suspettużi, pero' s-salib qatt ma reġa' nstab.

Wara appelli minn fuq l-artal waqt quddies u funzjonijiet oħra, il-popli kien ġeneruż u ta' donazzjonijiet biex jinħadem salib eżatt bħal dak li nsteraq. Benefattur ieħor li hu wkoll ariġentier, offra biex jaħdem hu il-kopja ta' dan is-salib. Bl-għajnuna ta' Alla u ta' nies twajba, nixtieq ngħid li s-salib il-ġdid issa lest. Inħadem eżatt, ċappetta b'ċappetta bħal dak ta' Mons. Camilleri u jiġi mlibbes lill istatwa tal-Patrun tagħna Santu Wistin u mbierek b-solennità kbira, biex jiżżanżan għall-festa li sa niċċelebraw.

F'ismi, f'isem il-Provinċjal u l-Komunita' Agostinjani, nixtieq minn-qalbi nirringrazzja lil dawk il-parruċċani u anki nies li mhumiex mill-parroċċa tagħna, li taw mill-qalb biex dan is-salib il-ġdid isir. U speċjalment lis-Sur Raymond Grech li ħadem din l-opra tant sabiħa.



PARROĊĊA SANTU WISTIN - VALLETTA - ĦARĠA SPEĊJALI TAL-FULJETT FESTA SANTU WISTIN 2009 17